ŻFINMALTA

NATIONAL DANCE COMPANY



# 25/26

NAPA National Agency for the Performing Arts



# MERĦBA

Id-djalogu huwa l-qalba tal-identità taż-ŻfinMalta. Id-djalogu li noħolqu bejn l-artisti, mal-udjenzi, u bejn pajjiżi differenti. Aħna niġu ffurmati mill-ħafna vuċijiet u perspettivi li nistiednu fir-repertorju tagħna, u mill-artisti tal-kumpanija tagħna, fejn xogħolhom kontinwament joħloq id-definizzjoni ta' min aħna.

Id-djalogu huwa xi ħaġa li d-dinja tagħna għandha bżonnha b'urġenza. Aktar spazji fejn il-perspettivi jistgħu jiltaqgħu, esperjenzi li jgħaqqdu aktar milli jifirdu. Din hija s-saħħa tal-identità tagħna bħala kumpanija.

Dan l-istaġun iħares lejn il-perċezzjonijiet tal-lum. Huwa konxju tal-preżent tagħna u jikkunsidra l-isfidi u l-opportunitajiet li lkoll għandna. Il-programm jesplora l-kunflitt u d-diviżjoni li qed naraw fid-dinja ta' madwarna, filwaqt li jħaddan is-sbuħija u l-għaqda li ħafna drabi jistgħu jinħassu 'l bogħod.

ŻfinMalta qed tinvesti lil hinn mill-palk, u qed tespandi l-programmi tagħha billi twassal iż-żfin għand żgħażagħ u komunitajiet, anke biex tagħti ċans lill-aspiranti żeffiena Maltin sabiex dejjem jiżviluppaw, u tkun il-fondazzjoni tal-artisti indipendenti lokali. Aħna nemmnu li ŻfinMalta għandha impatt profond fuq il-vjaġġ personali taż-żgħażagħ kif ukoll fuq il-ġid tagħna lkoll, ikun xi jkun il-mod ta' kif nieħdu sehem fih.

ŻfinMalta hija l-mera ta' Malta miftuħa u progressiva, fejn l-ideat, l-innovazzjoni u l-ġenerazzjonijiet il-ġodda jsibu l-ispazji u r-riżorsi biex jikbru. Iż-żfin huwa l-passjoni tagħna, u naraw fih il-potenzjal li joħloq dinja aħjar.

Aħna kumpanija li dejjem timxi 'l quddiem. Nistednuk tingħaqad magħna.

**Matthew William Robinson**
**Direttur Artistiku**

# VIŻJONI

Taħt id-direzzjoni artistika ta' Matthew William Robinson, ŻfinMalta hija forza radikali fix-xena taż-żfin, li tkun preżenti b'mod kritiku biex tirrappreżenta l-ħafna uċuħ tas-soċjetà kontemporanja, dan billi tisfida u terġa' timmaġina dinamiċi differenti tal-moviment u r-rappreżentazzjoni. Permezz tal-integrazzjoni ta' perspettivi differenti u metodi innovativi, aħna nfittxu li nesploraw u nesprimu mudelli ġodda tal-espressjoni fiżika.

ŻfinMalta timxi lil hinn mill-konfini u l-mudelli tradizzjonali taż-żfin, billi tuża medda ta' metodi artistiċi biex tistaqsi u tirrifletti fuq l-intersezzjonijiet li qegħdin jevolvu kontinwament bejn il-kultura, it-teknoloġija u l-identità. Permezz ta' djalogu tajjeb bejn Malta u d-dinja, aħna naspiraw li noħolqu spazju fejn perspettivi differenti jiġu kkunsidrati u eżaminati fil-fond.

Fl-għan tagħna lejn l-eċċellenza artistika u r-rigorożità intellettwali, ŻfinMalta taspira li tqanqal diskors riflessiv u bidla trasformattiva. L-għan tagħna hu li dejjem inwasslu ż-żfin lil hinn mill-fruntieri tiegħu, sabiex insaħħu l-ispazju kulturali u nħeġġu lill-udjenzi sabiex jaħsbu mill-ġdid dwar l-irwol taż-żfin ġewwa dinja li qed tinbidel b'pass mgħaġġel.

photo by **Alexandra Pace**



# IL-KUMPANIJA

ŻfinMalta tħaddan kollaborazzjonijiet artistiċi innovattivi li jpoġġu l-moviment fiċ-ċentru, biex isservi ta' forza trasformattiva fid-dinja tagħna. Dan billi tinvolvi varjetà ta' vuċijiet artistiċi minn viċin u 'l bogħod sabiex jinħolqu xogħlijiet taż-żfin li huma viżwalment speċjali u differenti, li jsawru l-immaġinazzjoni tal-udjenzi kemm f'Malta u barra minn Malta. Inkorporata ġewwa l-ekoloġija artistika tal-pajjiż, ŻfinMalta tistinka biex titfa' d-dawl fuq Malta bħala ċentru kulturali u esponenti qalb l-ispazju Ewropew tal-arti.

Il-kumpanija tinkludi għaxar żeffiena full-time u żewġ apprendisti li huma minn Malta u minn madwar l-Ewropa. Wara l-kwinti hemm tim ta' professjonisti li jaħdmu b'passjoni u b'ħiliet eċċellenti kemm fiż-żfin u kemm fl-arti. Dawn iġibu magħhom għarfien wiesa' tad-dinja kontemporanja tal-arti, kemm lokali u internazzjonali. Flimkien, jiffurmaw kumpanija nazzjonali taż-żfin b'repertorju li malajr kisbet rikonoxximent fiċ-ċirkwit tat-touring Ewropew.

07 PRODUZZJONIJIET
23 PARTEĊIPAZZJONI
30 IL-KUMPANIJA
42 APPOĠĠANA

# KONTENUT



photo by **Alexandra Pace**



*photo by* **Alexandra Pace**

# PRODUZZJONIJIET

Il-produzzjonijiet taż-ŻfinMalta huma disponibbli għall-udjenzi f'Malta u mad-dinja kollha. F'dan l-istaġun, il-kumpanija ser tippreżenta l-premiere ta' ħames xogħlijiet ġodda, se terġa' turi tliet xogħlijiet mir-repertorju, ittella' produzzjoni popolari maħbuba mill-udjenzi fi bliet Ewropej, u ħafna aktar.

# PREMIERE DINJI

*Choreography by* **Matthew William Robinson**

BORDER/NATION hija diptiku koreografiku maħluq mid-Direttur Artistiku taż-ŻfinMalta, Matthew William Robinson. Kif inħarsu lejn it-tmiem? BORDER/NATION tikkunsidra kif nirreaġixxu għas-sistemi ta' madwarna li qegħdin jiġġarrfu, u kif ukoll tikkunsidra r-reazzjoni tagħna umana għall-mewt u d-dekadenza. L-uġigħ kollettiv tagħna qiegħed joħloq il-futur kollettiv tagħna?

Kull xogħol jiġbor flimkien tim internazzjonali ta' artisti li jaħdmu fuq medji u forom differenti. Stenna li jkollok esperjenza iper-fiżika li tiġbed lejn l-estrem. Vjaġġ emozzjonali maqsum fi tnejn, li ħa jimmanifesta ruħu matul l-istaġun.

**BORDER**

**4 ta' Ottubru 2025**

Notte Bianca
Kamra tal-Kummerċ ta' Malta, il-Belt Valletta
**Tul:** 24 minuta

**BORDER**

**20/21/22 ta' Frar 2026**

ŻfinDays
Valletta Campus Theatre
**Tul:** 30 minuta
(Ara paġni 17-18 għal aktar dettalji dwar ŻfinDays.)



*photo by* **Alexandra Pace**

**BORDER**, jirrifletti fuq il-linji li noħolqu bejnietna, li jisseparawna u jmantnuna. Bħal ħbula li jorbtu u jixxaqqu, l-iġsma jingħaqdu u jinkisru; hekk jikxfu l-abbiss ta' memorji u ritwali li jirrepetu ruħhom. BORDER jesplora l-wasla lura tat-tradizzjoni bħala reazzjoni għal dak li ħżien u ddekompona, it-tfittxija ta' definizzjoni li hi nspirata mill-biża' għal futur.

**Koreografija:** Matthew William Robinson
**Disinn tal-kostum:** Holly Knowles
**Direzzjoni artistika (Notte Bianca):** Jon Banthorpe
**Disinn tad-dawl:** Dali Aguerbi

**NATION** hija kollaborazzjoni artistika li hija innovativa u ġdida għal kollox bejn id-Direttur Artistiku taż-ŻfinMalta, Matthew William Robinson, u Studio Azzopardi. F'pajsaġġ vojt, ġabra ta' erwieħ mitlufa jfittxu b'sens ta' urġenza x'ħa jiġri wara t-tmiem ta' kollox. Bħala xogħol li jbeżża' u jaqta' daqs xafra, NATION jiżfen żifna bejn l-intimità u l-wesgħat kbar, bejn id-delikat u l-brutali.

**Koreografija:** Matthew William Robinson
**Disinn tal-kostum:** Azzopardi Studio
**Mużika:** Alexander Comana
**Disinn tas-sett:** Tom Van Malderen
**Propijiet:** Jon Banthorpe
**Disinn tad-dawl:** Dali Aguerbi

**NATION**

**22/23/24 ta' Mejju 2026**

Unfold

Teatru Manoel, il-Belt Valletta
**Tul:** 30 minuta
(Ara paġni 21-22 għal aktar dettalji dwar Unfold.)

# ON TOUR MORTAL HEROES

Il-premiere ta' Mortal Heroes ta' Sita Ostheimer kienet parti mill-istaġun taż-ŻfinMalta 2024/25. B'sodisfazzjon, il-kumpanija issa se tkun qed tippreżenta dan ix-xogħol b'mod internazzjonali permezz ta' wirjiet fi Franza, il-Ġermanja u l-Italja.

L-udjenza ġewwa Malta wkoll mhux ħa tkun tilfet iċ-ċans tagħha li tara dan ix-xogħol profond mill-ġdid. Ħares aktar viċin lejn Mortal Heroes bħala parti miż-ŻfinDays fl-2026.

**13 ta' Novembru 2025**
Presidenza ta' Malta, Kunsill tal-Ewropa
Palais des Fêtes, Sala tal-Kunċerti, Strasbourg, Franza

**11/12/13 ta' Diċembru 2025**
Schwankhalle, Bremen, Ġermanja
Parti mill-kollaborazzjoni kontinwa taż-ŻfinMalta ma' Of Curious Nature, li tesplora mudelli ġodda ta' kollaborazzjoni u koperazzjoni internazzjonali fl-Ewropa.
(Ara l-paġni 15–16 għal aktar dettalji.)

**21–22 ta' Marzu 2026**
Teatro Alighieri, Ravenna, l-Italja

**27–28 ta' Frar & 1 ta' Marzu 2026**
ŻfinDays
Valletta Campus Theatre, Malta
**Tul:** 50 minuta
(Ara l-paġni 19–20 għal aktar dettalji dwar ŻfinDays.)



*photo by* **Camille Fenech**

# ĠENERAZZJONIJIET ĠODDA

Programm fi ħdan programm. L-istaġun iż-żgħir tal-kumpanija huwa maħsub għaż-żgħażagħ u se jistieden żewġ ġenerazzjonijiet taż-Żgħażagħ fid-dinja taż-ŻfinMalta.

Ġenerazzjonijiet Ġodda hu parti mill-impenn taż-ŻfinMalta sabiex tiżviluppa udjenzi ġodda għaż-żfin u anke biex itejjeb il-kwalità tall-ħajja kulturali tal-udjenza żagħżugħa f'Malta.

## MOON

Żfin performattiv li jsaħħrek għat-tfal ta' bejn 0 u 4 snin. Baby to the Moon tistieden l-immaġinazzjoni u ssaħħar l-udjenza bl-għeġubijiet tal-ispazju. Hekk kif iż-żewġ karattri tagħha jmorru fuq avventura lejn il-qamar u lil hinn, il-kurżità tagħhom twassalhom sabiex jitpaxxew mad-dawl tal-qamar, jilagħbu fl-orbita lunari u jiżfnu fost l-istilel.

Baby to the Moon irritornat fuq talba popolari wara l-premiere tagħha li kienet parti mis-Serie Toi Toi Baby fl-2024.

**11/12/18/19 ta' Ottubru**
**10:00 & 11:30**
Manoel Studio Theatre, il-Belt Valletta

**Tul:** 30 minuta



*photo by* **Alexandra Pace**

*Dan il-proġett qed isir b'kollaborazzjoni bejn l-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti tal-Ispettaklu u l-Festival tal-Arti għat-Tfal u ż-Żgħażagħ ŻiguŻajg 2025, bis-sapport taż-ŻfinMalta u TeatruMalta.*

## SITT ĠRAJJIET U NAQRA GĦALA SPIĊĊAJNA (KIF SPIĊĊAJNA)

Vjaġġ maqsum f'sitt kapitli post-apokalittiċi u maħluq apposta għal udjenzi żgħażagħ minn 13+, sitt ġrajjiet u naqra għala spiċċajna (kif spiċċajna) hi kollaborazzjoni bejn ŻiguŻajg u ŻfinMalta li tgħaqqad il-moviment, il-poeżija, il-mużika u elementi oħra.
Din hija espressjoni permezz tal-lirika fuq kwistjonijiet kbar li qed jaffetwaw liż-żgħażagħ tal-lum, u li tistaqsi: Kif spiċċajna hawn, u x'se nagħmlu issa?

**Direttur:** Philip Leone Ganado
**Kitba:** Leanne Ellul
**Atturi:** Gianni Selvaggi, Michela Farrugia
**Żfin:** Maya Attard, Carla Mifsud, Melina Koutava
**Disinn tad-dawl:** Gianluca Bianco
**Operazzjoni tad-dawl:** Preston Carbonaro
**Disinn u operazzjoni tas-sound:** Noah Fabri
**Koreografija:** Martina Zammit
**Disinn tas-sett u l-kostumi:** Isabel Warrington

**WIRJIET GĦAS-SKEJJEL**
**20-21 November 2025, 9:30 u 11:30**

**WIRJIET GĦALL-PUBBLIKU**
**22 ta' Novembru 19:30**

**23 ta' Novembru 11:30**

Spazju Kreattiv Theatre, il-Belt Valletta
**Tul:** 60 minuta

ŻiguŻajg
Arts Festival for Children & Young People

# XITWAŻFIN | WINTER DANCE

Din ix-xitwa, ŻfinMalta tilqa' bi ħġara lil Of Curious Nature għal double-bill li jgħaqqad flimkien żewġ kumpaniji minn fost l-aktar innovattivi fiż-żfin kontemporanju fl-Ewropa.

Din il-kollaborazzjoni rari se tippreżenta l-premiere dinji ta' White Echo, xogħol ġdid u b'saħħtu mill-koreografu rikonoxxut Helge Letonja, flimkien ma' FULGENCE, xogħol impressjonanti mill-koreografu Brażiljan Samir Calixto.

Żewġ kumpaniji internazzjonali taż-żfin. Tmintax-il żeffien b' talenti kbar. Lejla waħda xitwija li mhu ħa tintesa qatt.

XitwaŻfin | Winter Dance hu parti mill-kollaborazzjoni kontinwa taż-ŻfinMalta ma' Of Curious Nature, li tesplora mudelli ġodda ta' kollaborazzjoni u koperazzjoni internazzjonali fl-Ewropa.

**19/20/21 ta' Diċembru**
Valletta Campus Theatre
**Tul:** 30 minuta
Age 12+

## WHITE ECHO

Ispirat miċ-ċiklu tax-xitwa, White Echo jesplora l-mumenti qosra u impulsivi li jġib miegħu bidu ġdid. F'din il-fażi fejn wieħed jirtira u jiġġedded, in-natura tieħu pussess fuq il-vittmi tagħha, sabiex ħajja ġdida tinħoloq mill-proċess tal-mewt. Ix-xitwa tfakkarna kif kollox jinbidel u xejn ma jibqa' għal dejjem – dikotomija bejn li ċċedi u tirrabja, bejn li tkun komda u titlaq minn sitwazzjoni, bejn li tirrifjuta u taċċetta.

Bl-użu tal-lingwa koreografika tiegħu, li hi kemm intriganti u msaħħra, Letonja, flimkien maż-żeffiena taż-ŻfinMalta, jesplora r-relazzjoni taż-żgħażagħ ma' Eros u Thanatos. Figuri jiltaqgħu fi spazju ta' tensjoni, fejn ifittxu l-konnessjoni u t-tifsira, u jixxenqu għall-ħajja li qed tistenniehom bir-ritorn tar-rebbiegħa.

**Koreografija, disinn tas-sett u tal-kostumi:** Helge Letonja
**Kostumier:** Linda Rowell
**Disinn tad-dawl:** Niels Plotard
**Manager tekniku:** Pamela Kerr

**Tul:** 30 minuta

*White Echo qed jiġi appoġġjat mill-Ambaxxata tal-Awstrija (għadu mhux ikkonfermat).*



## FULGENCE

L-att ta' ribelljoni jibda mill-profondità tal-eżistenza.

Samir Calixto juża dan il-punt tat-tluq fit-tfittxija tiegħu lejn ir-reżiljenza inerenti tagħna u l-karatteristiċi tagħha ta' perseveranza, persistenza u ribelljoni. Jistaqsi, kif timmanifesta ruħha mentalment u fiżikament din il-karrateristika umana, f'sitwazzjonijiet soċjali li huma ta' sfida?

**(FULGENCE, li tfisser"dak li jiddi")** jevolvi minn sitwazzjoni li hi staġnata u jasal għall-att ta' liberazzjoni. Permezz ta' splużjonijiet ta' enerġija li joħorġu minn movimenti ewforiċi, l-ensemble jfittex li jkeċċi d-dlam ta' ġo fina u jqiegħdu fil-wiċċ. Iġsma marrada jiżfnu bħala att ta' reżistenza u jdawlu d-dellijiet tal-eżistenza tagħna b'dak kollu li jiddi ġo fina.

**Kunċett u koreografija:** Samir Calixto
**Assistenza koreografika, tmexxija tat-taħriġ:** Mariko Koh
**Żfin:** Tiago Bettencourt da Silva Reis, Lys Cabral Sampietro, Wan-Yun Chen, Jed Nagales, Pere Sansaloni Servera, Daniel Sabia, Carolina Verra
**Disinn tad-dawl:** Samir Calixto, Carlos Heydt
**Disinn tal-kostumi:** Samir Calixto
**Produzzjoni tal-kostumi:** Nicola Essig
**Mużika:** Hird, Lumisokea, The Knife
**Direzzjoni teknika:** Nathaniel Johnson

*FULGENCE hi produzzjoni ta' TanzRAUM Nord gUG ma' steptext dance project, iffinanzjata mill-Fonds Darstellende Künste bil-fondi mill-Kummissarju Federali għall-Kultura u l-Midja, is-Senatur għall-Kultura ta' Bremen u l-Waldemar Koch Foundation Bremen.*

*photo by* **Alexandra Pace**

# ŻFINDAYS



*photo by* **Alexandra Pace**

Matul żewġ weekends, ser ikollok l-opportunità tesperjenza l-wisa' tax-xogħol li ħejjet ŻfinMalta, flimkien mal-viżjonijiet distinti ta' tliet koreografi Ewropej li qed iħallu l-marka tagħhom fix-xena internazzjonali taż-żfin.

*L-Ewwel Ġimgħa* – inkludi l-premiere dinji ta' NÁCAR ta' Paloma Muñoz, flimkien ma' BORDER ta' Matthew William Robinson.

*It-Tieni Ġimgħa* – ares aktar mill-qrib lejn Mortal Heroes ta' Sita Ostheimer hekk kif ŻfinMalta tippreżenta dan ix-xogħol profond f'ambjent intimu ġewwa l-Valletta Campus Theatre.

## NÁCAR

**NÁCAR** esplora x-xewqa li tgħammar fl-ispirti; dawk li rnexxilhom jibqgħu ħajjin permezz ta' stampi u immaġini, li jgħajtulna minn dak li hu inviżibbli.

F'dan ix-xogħol b'saħħtu ta' Paloma Muñoz, waħda mill-aktar vuċijiet innovattivi tal-koreografija fi Spanja, figuri sospiżi fl-arja jidhru ffriżati, jieħdu n-nifs u jiddekomponu taħt il-ħarsa tal-oħrajn. Hekk kif il-ġilda tagħhom tiġi esposta, ġisimhom jgħajjat għajta, hekk kif jaħbtu ma' xulxin f'sejħa ta' reżistenza u ta' tifkira.

NÁCAR jistedinna biex nagħtu ġisimna għall-memorja ta' ħaddieħor — biex insiru bastimenti ta' preżenza, ta' sbuħija, u ta' dak kollu li nisimgħuh jidwi.

**Koreografija:** Paloma Muñoz
**Assistent koreografiku:** Amanda Rubio Sánchez
**Disinn tal-kostumi:** Linda Rowell
**Mużika:** Alejandro Da Rocha
**Disinn tad-dawl:** Moritz Zavan Stoeckle

**Tul:** 30 minuta

*NÁCAR qed jiġi appoġġjat mill-Ambaxxata ta' Spanja.*

## BORDER

**BORDER**,jirrifletti fuq il-linji li noħolqu bejnietna, li jisseparawna u jmantnuna. Bħal ħbula li jorbtu u jixxaqqu, l-iġsma jingħaqdu u jitkissru, biex juru abbiss ta' memorji u ritwali li jirrepetu ruħhom. **BORDER** jesplora l-wasla lura tat-tradizzjoni bħala reazzjoni għal dak li ħżien u ddekompona, fi tfittxija ta' definizzjoni li tinspira ruħha mill-biża' għal futur.

**Koreografija:** Matthew William Robinson
**Disinn tal-kostum:** Holly Knowles
**Direzzjoni artistika (Notte Bianca):** Jon Banthorpe
**Disinn tad-dawl:** Dali Aguerbi

**Tul:** 30 minuta

*BORDER ġie kummissjonat minn Festivals Malta bħala parti minn Notte Bianca 2025.*

**ĠIMGĦA 1**
**20/21/22 ta' Frar 2026**
Valletta Campus Theatre

**NÁCAR** by Paloma Muñoz
**MORTAL HEROES** by Sita Ostheimer
**BORDER** by Matthew William Robinson

# ŻFINDAYS

## MORTAL HEROES

Mortal Heroes jistedinna nidħlu f'esplorazzjoni istintiva tal-potenzjal uman – odissea maħluqa mill-kaos u l-imħabba, mid-dell u d-dawl, mil-fraġilità u l-qawwa. Il-koreografija ta' Ostheimer tiżviluppa fi tfittxija poetika għall-'ieħor', ittra ta' mħabba għar-reżiljenza, għall-kapaċità tas-sopravvivenza umana, li tiġġedded u tittrasforma.

Jinħoloq spazju mimli enerġija u taħbit il-qalb – mimli tensjoni iżda mimli ħajja – li jitfa' l-udjenza fi stat ta' antiċipazzjoni kontinwa, billi jiġbed lit-telespettaturi fir-ritmu li jevolvi flimkien maż-żeffiena, sabiex imissu xi ħaġa primarja u essenzjali ġewwa fihom.

Maħdum bil-lingwaġġ ta' moviment karatteristiku tagħha, imsaħħaħ b'mużika evokattiva ta' Adrien Casalis u d-dwal immersivi ta' Barnaby Booth, ix-xogħol ta' Ostheimer joħloq atmosfera intima u fl-istess ħin vasta. Mortal Heroes kellu l-ewwel rappreżentazzjoni tiegħu f'Mejju 2025 fit-Teatru Manoel u issa se jerġa' jirritorna għal esperjenza ġdida u mill-qrib ġewwa l-Valletta Campus Theatre.

**Koreografu:** Sita Ostheimer
**Kompożitur:** Adrien Casalis
**Disinjatur tad-dwal:** Barnaby Booth
**Disinjatur tal-kostumi:** Holly Knowles
**Assistent fir-repetizzjonijiet:** Elena Martello
**Koordinatur tal-produzzjoni:** Tillmann Becker

**Tul:** 50 minuta

*Mortal Heroes huwa appoġġjat mill-Ambaxxata ta' Franza f'Malta u mill-Ambaxxata tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.*

**ĠIMGĦA 2**
**27–28 ta' Frar u 1 ta' Marzu 2026**
Valletta Campus Theatre, Malta



*photo by* **Camille Fenech**

# UNFOLD

Żewġ riflessjonijiet uniċi dwar id-dinja tagħna minn żewġ koreografi viżjonarji tal-mument. Lejla li tħalli impatt u li viżwalment tiġbed l-attenzjoni minn kumpanija nazzjonali taż-żfin ta' Malta.

**22/23/24 ta' Mejju 2026**
Teatru Manoel, Valletta

## SWAY

SWAY huwa xogħol ġdid mill-koreografu Taljan rinomat Diego Tortelli. Huwa jesplora x-xewqa kbira tagħna li noħolqu konnessjonijiet profondi u immedjati. SWAY huwa vjaġġ emozzjonali ta' vulnerabbiltà pura, fejn inċedu u fejn nafdaw. Bħal mewġ jaħbat, ix-xogħol huwa r-ribelljoni tal-ġisem, fejn l-enerġija taż-żfin tħabbat mal-polz tal-udjenza.

**Koreografija:** Diego Tortelli
**Assistent koreografu:** Tom van de Ven
**Disinn tal-kostum:** Diego Tortelli u Laurent Uyttersprot
**Disinn tad-dawl:** Dali Aguerbi

**Tul:** 30 minuta

*SWAY huwa appoġġjat mill-Istitut Kulturali Taljan tal-Belt Valletta u mill-Ambaxxata tar-Renju tan-Netherlands.*





## NATION

NATION hija kollaborazzjoni artistika li hija innovativa u ġdida għal kollox bejn id-Direttur Artistiku taż-ŻfinMalta, Matthew William Robinson, u Studio Azzopardi. F'pajsaġġ vojt, ġabra ta' erwieħ mitlufa jfittxu b'sens ta' urġenza x'ħa jiġri wara t-tmiem ta' kollox. Bħala xogħol li jbeżża' u jaqta' daqs xafra, NATION jiżfen żifna bejn l-intimità u l-wesgħat kbar, bejn id-delikat u l-brutali.

**Koreografija:** Matthew William Robinson
**Disinn tal-kostum:** Azzopardi Studio
**Mużika:** Alexander Comana
**Disinn tas-sett:** Tom Van Malderen
**Propijiet:** Jon Banthorpe
**Disinn tad-dawl:** Dali Aguerbi

**Tul:** 30 minuta



photo by **Alexandra Pace**

# PARTEĊIPAZZJONI

Kemm jekk int persuna żagħżugħa li tixtieq tiżviluppa l-ħiliet tiegħek, kemm jekk int membru tal-udjenza u tinsab kurjuż dwar il-proċess kreattiv, jew żeffien li lest biex tiċċaqlaq, jew inkella artist li qed tfittex biex tevolvi l-prattika tiegħek, il-programmi ta' parteċipazzjoni taż- ŻfinMalta jippermettu lil kulħadd sabiex jersaq iktar viċin lejn iż-żfin.

Il-parteċipazzjoni tiftaħ opportunitajiet biex tiżviluppa ż-żfin. Dan hu immirat għal żeffiena żgħażagħ biex jidħlu fi produzzjonijiet, u spazju għall-artisti biex isostnu u jevolvu l-prattika tagħhom.

Il-parteċipazzjoni hija portal għal ideat, għarfien u relazzjonijiet ġodda, u hija fil-qalba tal-impenn taż-ŻfinMalta għall-futur tal-ekoloġija kulturali Maltija.

Esplora t-tliet linji ta' parteċipazzjoni taż-ŻfinMalta- **Tagħlim, Djalogu,** u **Żvilupp tal-Artisti.**

# TAGĦLIM

Opportunitajiet inklussivi għal kulħadd sabiex jesperjenzaw il-moviment, jiżviluppaw ħiliet ġodda, u jespandu l-arti personali tagħhom.



*photo by* **Alexandra Pace**

## IŻFEN MA' ŻFINMALTA

Il-programm taż-ŻfinMalta se jkun qed jerġa' jagħmel klassijiet filgħaxija għal kull livell. Kulħadd mistieden jiċċaqlaq hekk kif l-iskeda tinkludi klassijiet fil-ballet, yoga u żfin kontemporanju biex iressaq lil kulħadd lejn il-moviment.

Għalliema esperti u sensittivi għall-bżonnijiet ta' kull parteċipant, ser ikunu qed iservu ta' gwida waqt dawn is-sessjonijiet inklussivi, li huma wkoll opportunità perfetta biex tkun kreattiv, iżżomm ruħek attiv u tieħu pjaċir fi ħdan komunità li toffri sapport.

## INTENSIVI

L-intensivi taż-ŻfinMalta huma opportunità għall-artisti taż-żfin biex jestendu u jiżviluppaw il-ħiliet u l-arti tagħhom. Immexxija minn tim artistiku tal-kumpanija u artisti internazzjonali mistiedna, l-intensivi joffru sa ġimgħa ta' attività fejn tista' tiżviluppa, u tesplora metodi fiżiċi, ħidmiet kreattivi, u prattiki ta' impromptu.

## WORKSHOPS

Immexxija minn artisti mistiedna li huma esperti u li jaħdmu ma' ŻfinMalta, dawn il-workshops qosra joffru lill-parteċipanti għarfien iffukat fuq ix-xogħol li jiġi esplorat mill-kumpanija. Il-parteċipanti jagħmlu immersjoni ġewwa vokabolarji ġodda tal-ġisem u metodi ta' kif jiġu maħluqa spazji miftuħa u inklussivi.

## REPERTOIRE WORKSHOPS

Dawn il-workshops huma opportunità għaż-żgħażagħ biex isiru jafu aktar mill-qrib il-kumpanija nazzjonali tagħhom taż-żfin. Immexxija miż-żeffiena tal-kumpanija ŻfinMalta ġewwa l-iskejjel lokali taż-żfin, dawn il-workshops huma l-opportunità perfetta biex jesploraw ir-repertorju tal-kumpanija qabel jew wara li jaraw produzzjoni. Żommu għajnejkom miftuħa għal sejħiet miftuħa f'dan l-istaġun.

ŻfinMalta tixtieq tagħmel kuntatt miegħek. Dawn il-Workshops speċifiċi huma disponsibbli skont it-talba għalihom. Ikkuntatja 'l **martina.d.zammit@ŻfinMalta.mt** jekk għandek mistoqsija partikolari jew għal aktar informazzjoni dwar dak li noffru.

# DJALOGI

Nifthu l-bibien għal dawk li huma kurjużi sabiex jaraw x'hemm wara l-kwinti u jitgħallmu fuq kif ix-xogħol taż-ŻfinMalta jiġi żviluppat mill-istudio għall-palk.

## PROVI MIFTUĦA

Kurjuż kif jinħoloq ix-xogħol taż-żfin? Jew trid tkunu taf aktar dwar il-proċess kreattiv ta' ċertu koreografu? Esperjenza mill-viċin iż-żeffiena meta tidħol fil-istudjo taż-ŻfinMalta biex tagħti ħarsa iktar intima lejn xogħol ġdid li qed jiġi maħluq. Ismagħha ġejja direttament mill-koreografi, il-kollaboraturi u ż-żeffiena qabel ma tesperjenza l-produzzjoni fit-teatri.

## TAĦDIDIET DWAR IL-PRESTAZZJONI

Għal ħarsa iktar fil-fond lejn il-produzzjoni taż-ŻfinMalta, tista' tingħaqad mal-ħaddiema artisti tal-kumpanija u l-kollaboraturi li jiġu mistiedna għal diskussjoni wara l-prestazzjoni. Dawn il-konversazzjonijiet huma opportunità biex tifhem u tapprezza x-xogħol aħjar, tieħu sehem fi djalogi intriganti, u ċans biex tistaqsi l-mistoqsijiet speċifiċi tiegħek.

Qabel xi wħud mill-prestazzjonijiet magħżula, jew fuq talba, il-kumpanija tista' wkoll toffri diskussjonijiet ta' introduzzjoni qabel il-prestazzjoni. Agħmel kuntatt ma' **martina.d.zammit@ŻfinMalta.mt** għal aktar informazzjoni.



*photo by* **Alexandra Pace**



*photo by* **Alexandra Pace**

# L-IŻVILUPP TAL-ARTISTI

Noħolqu spazji fejn l-artisti jistgħu jsostnu u jevolvu l-prattika tagħhom u jiżviluppaw xogħol ġdid bis-sapport tal-kumpanija nazzjonali taż-żfin f'Malta.

## IL-KLASSIJIET LI TOFFRI L-KUMPANIJA

Artisti professjonali taż-żfin huma mistiedna jingħaqdu fil-klassijiet ta' filgħodu, flimkien maż-żeffiena tal-kumpanija taż-ŻfinMalta. Dawn isiru għal ġimgħa sħiħa kull xahar. Dawn il-klassijiet jiġu mmexxija minn diversi għalliema li jkunu mistiedna, bi programm maħluq apposta biex jakkomoda l-versatilità taż-żeffiena u l-prattika tagħhom li dejjem tevolvi.

## AiR

Għall-artisti li qed jagħmlu riċerka fuq il-moviment jew qed jiżviluppaw xogħol ġdid u li huma bbażati f'Malta, ŻfinMalta qed tilqa' applikazzjonijiet għall-programm tagħha Artist in Residence.

Għal artisti kemm b'esperjenza kif ukoll dawk emerġenti, AiR jipprovdi esperjenza mfassla apposta ta' prattika, riċerka u djalogu. Din hija opportunità għall-artisti biex jiffukaw fuq ir-riċerka tagħhom bis-sapport taż-ŻfinMalta.

## APPRENTISTI

Biex insostnu l-iżvilupp tat-talent Malti, il-programm tal-apprendistat taż-ŻfinMalta joffri lill-apprendisti magħżula l-opportunità li jitgħallmu, iġibu esperjenza, u jagħtu kontribut lix-xogħlijiet tal-kumpanija.

L-esperjenza ta' apprendistat issaħħaħ l-għarfien tal-fiżiku u tespandi l-arti unika u personali taż-żeffiena. Dan permezz ta' esperjenza immersiva fl-attivitajiet tal-kumpanija u l-gwidi offruti mill-istaff artistiku tagħha.

**L-apprendisti taż-ŻfinMalta għas-staġun 2025/26 huma Maya Attard u Carla Mifsud.**

## PROPEL ARTIST

Għas-staġun 25/26 Luke Bugeja Gauci ġie maħtur bħala Propel Artist taż-ŻfinMalta. Dan il-programm il-ġdid imantni artist indipendenti Malti, sabiex jagħmel il-pass li jmiss fl-iżvilupp professjonali tiegħu.

## ASSOCIATE ARTIST

Zoe Camilleri ġiet maħtura bħala Associate Artist taż-ŻfinMalta. Din il-pożizzjoni tirrikonoxxi l-kontribuzzjoni ta' artist indipendenti Malti lejn il-kumpanija, li tipprovdilha appoġġ u impenn li ssir kollaborazzjoni magħha matul l-istaġun.

# IL-KUMPANIJA



*photo by* **Alexandra Pace**

# IŻ-ŻEFFIENA



### ANDREA BIAGIONI

Andrea Biagioni twieled l-Italja fl-1998. L-ewwel esperjenza tiegħu bħala tifel kien fiż-żfin urban. Huwa beda t-tagħlim taż-żfin kontemporanju fl-età ta' dsatax-il sena. Mill-2019 'l hawn, ħadem ma' diversi kumpaniji fl-Italja u lil hinn, u ppreżenta xogħlijiet ta' Ogmia, Alexander Ekman, Maud Le Pladec, Staatstheater Stuttgart, Komische Oper Berlin, Staatstheater Hannover, Kodance&co, Michele Merola, u ResExtensa, f'teatri madwar l-Ewropa u l-Asja. Andrea ngħaqad ma' ŻfinMalta fl-2024.



### MARTí BLANCO ROMEU

Imwieled f'Barċellona fl-2001, Marti beda jiżfen fl-età ta' sitt snin fl-iskola Oriol Martorell, li kienet speċjalizzata fil-mużika u ż-żfin. Aktar 'il quddiem, studja għal seba' snin fil-konservatorju professjonali taż-żfin tal-Institut del Teatre, Barċellona, fejn speċjalizza fiż-żfin kontemporanju. Marti ggradwa fl-2020 u ġie magħżul għall-kumpanija IT Dansa bħala apprendist fl-ewwel sena u mbagħad bħala żeffien fil-kumpanija. Huwa żifen kemm mix-xogħlijiet tar-repertorju kif ukoll mix-xogħlijiet ġodda ta' koreografi bħal Akram Khan, Alexander Ekman u Ohad Naharin. Marti ngħaqad ma' ŻfinMalta fl-2023 taħt id-direzzjoni ta' Paolo Mangiola.



### PEARL CALLEJA

Pearl twieldet Malta fl-2002. Bdiet tiżfen fl-età ta' ħames snin u tgħallmet il-ballet klassiku, iż-żfin kontemporanju u ż-żfin Spanjol, u fl-2019, iggradwat minn Seed Dance Studios. Aktar tard kompliet l-istudji tagħha fiż-żfin kontemporanju fid-Dance Arts Faculty f'Ruma. Pearl ħadmet ma' artisti fosthom Mauro Astolfi, Michele Merola, Liliana Barros, Sita Osthiemer, Paolo Mangiola, Roy Assaf u Tania Carvalho. Pearl kienet ukoll innominata għall-premju Young Artist of the Year fl-edizzjoni tal-2022 tal-Premju għall-Arti, organizzat mill-Arts Council Malta. Hija ngħaqdet ma' ŻfinMalta bħala apprendista fl-2020 u bħala żeffiena tal-kumpanija fl-2021.



### LIDIA CARICASOLE

Lidia twieldet l-Italja fl-1997 u bdiet l-edukazzjoni tagħha fiż-żfin ġewwa l-Vic Ballet Academy Verona. Fl-2021, iggradwat b' Baċċellerat tal-Fine Arts in Dance minn The Juilliard School fi New York, taħt id-direzzjoni ta' Alicia Graf Mack. Lidia żifnet mix-xogħlijiet tar-repertorju ta' José Limón, Paul Taylor u Martha Graham, kif ukoll mix-xogħlijiet ġodda ta' Ohad Naharin, Bryan Arias, Spencer Dickhaus, Jianhui Wang, Andrea Miller u Matthew Neenan. Lidia ġiet onorata bil-Juilliard Career Advancement Fellowship bejn l-2021 u l-2013. Hi daħlet ma' ŻfinMalta fl-2022, u żifnet max-xogħlijiet ta' Liliana Barros, Sita Ostheimer, Paolo Mangiola, Emanuel Gat, Mauro Bigonzetti, Tânia Carvalho, Roy Assaf u Ambra Senatore, fost oħrajn.



### LOTTE LA HAYE

Twieldet fl-2000 fin-Netherlands. Minn età żgħira, bdiet l-edukazzjoni tagħha fiż-żfin mal-Royal Conservatoire of The Hague, li kienet tinkludi kemm l-iSchool for Young Talent kif ukoll il-programm ta' Baċċellerat HBO. Bejn l-2014 u l-2018 kienet parti mill-Young Talent Project tal-Netherlands Dance Theatre (NDT), f'kollaborazzjoni mar-Royal Conservatoire. Hawnhekk kellha l-opportunità tiżfen max-xogħlijiet ta' Jiří Kylián, Johan Inger u Ohad Naharin. Fl-2019 saret apprendista ma' Scapino Ballet Rotterdam taħt id-direzzjoni ta' Ed Wubbe. Għal żewġ staġuni żifnet kemm f'tours nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Lotte dehret fil-produzzjoni fuq skrin Carried Alive, immexxija minn Justin de Jager.
Lotte ngħaqdet ma' ŻfinMalta fl-2021 u minn dak iż-żmien 'l hawn żifnet mir-repertorju estensiv taħt id-direzzjoni ta' Paolo Mangiola u Matthew William Robinson.



### MARIO MANARA

Oriġinarjament mill-Italja, Mario beda l-edukazzjoni tiegħu fiż-żfin mal-Vic Ballet Academy f'Verona qabel ma ggradwa b'First-Class BA (Hons) mir-Rambert School f'Londra fl-2020. Matul l-istudji tiegħu ħadem ma' koreografi rinomati, fosthom Christopher Bruce, u ppreżenta wkoll xogħol koreografiku tiegħu stess fil-Lilian Baylis Studio fi Sadler's Wells. Fl-2021, ingħaqad ma' VERVE, fejn żifen max-xogħlijiet ta' Botis Seva, Matthew Robinson, Caroline Finn u Barnaby Booth. Fl-2022, sar parti min-National Dance Company Wales, fejn kien parti mit-tours tax-xogħlijiet ta' Andrea Costanzo Martini, Marcos Morau, Matthew Robinson u Melanie Lane, fost oħrajn. Mario ngħaqad ma' ŻfinMalta fl-2025.



### ALESSANDRO PELLEGRINELLI

Twelid fl-Italja fl-2001, Alessandro Pellegrinelli beda l-edukazzjoni tiegħu fiż-żfin ma' Area Dance Milan. Fl-2021 daħal l-Codarts University of the Arts f'Rotterdam, fejn żifen max-xogħlijiet ta' Cayetano Soto, Sasha Waltz, Antonin Rioche, Tamara Dekel London, Noam Segal u oħrajn. Fl-2024, ingħaqad mal-Bühnen Bern Ballet, fejn ipparteċipa fix-xogħlijiet ta' Felix Landerer, Giuseppe Spota, MarioEnrico D'Angelo, Lesley Telford, Ina Christel Johannessen u Po-Cheng Tsai, fost oħrajn. Ix-xogħol ta' Alessandro jgħaqqad l-element fiżiku u teatrali, flimkien mal-kurżità kontinwa fil-lingwaġġi ta' moviment differenti.



### ELISA RUFFATO

Oriġinarjament minn Padova, l-Italja, Elisa Ruffato bdiet l-edukazzjoni professjonali tagħha taż-żfin ġewwa diversi studios madwar l-Italja. Imbagħad marret ir-Renju Unit biex tagħmel BA (Hons) in Contemporary Dance man-Northern School of Contemporary Dance f'Leeds, fejn iggradwat b'First Class Honours fl-2019. Elisa kabbret it-taħriġ tagħha b'esperjenzi internazzjonali, inkluż programmi ma' Kibbutz Contemporary Dance Company (Iżrael), Biennale College Danza (L-Italja) u Profit Training Berlin. Bejn l-2022 u l-2025 kienet parti mill-Ballett TN LOS fit-Theater Nordhausen fil-Ġermanja taħt id-direzzjoni ta' Ivan Alboresi. Żifnet f'xogħlijiet ta' Alboresi kif ukoll ta' koreografi oħra bħal Jiří Pokorný, Martin Harriague, Marco D'Agostin u Alba Castillo, fost oħrajn. Elisa ngħaqdet ma' ŻfinMalta għall-istaġun 2025–26.



### AMBER VAN VEEN

Imwielda fl-1999 f'Amsterdam, Amber bdiet l-edukazzjoni tagħha fiż-żfin mad-Dutch National Ballet Academy u kompliet l-istudji tagħha mar-Royal Ballet School of Antwerp. Wara li ggradwat fl-2018, kienet trainee ma' Ballet Flanders, fejn kellha l-opportunità taħdem ma' koreografi bħal Akram Khan, Jean-Christophe Maillot u Alexander Ekman, taħt id-direzzjoni artistika ta' Sidi Larbi Cherkaoui. Kienet ukoll apprendista mal-International Danstheater f'Amsterdam, fejn għamlet tours għal sena sħiħa fl-Olanda u l-Belġju. Amber o ingħaqdet ma' ŻfinMalta fl-2019 u minn dakinhar gawdiet minn repertorju varjat taħt id-direzzjoni artistika ta' Matthew William Robinson u Paolo Mangiola.



### SIMON RICCARDI-ZANI

Imwieled f'Nice, Franza fl-1998, Simon studja l-ewwel mal-Paris Opera Ballet School u wara kompla fiż-żfin kontemporanju mal-Paris National Conservatoire. Huwa ngħaqad ma' ŻfinMalta fl-2019. L-interess tiegħu fil-koreografija wasslu biex jiġi mistieden joħloq duet għal ŻfinMade – New Futures fl-2022. Ix-xogħol, Les Unes, ġie wkoll ippreżentat fid-Dance Festival Malta fl-2024. Fl-istess sena, Simon irrappreżenta lil Franza fil-Paviljun Franko-Ġermaniż għall-ewwel edizzjoni tal-Malta Biennale, b'film taż-żfin Les Uns, li ntwera wkoll fil-United Nations Ocean Conference fl-2025. Għall-istaġun 2024/25 taż-ŻfinMalta, Simon ikkoreografa Les Autres, xogħol ġdid tal-kumpanija bħala parti minn ŻfinDays.

## ŻEFFIENA APPRENDISTI



### MAYA ATTARD

Maya Attard bdiet il-prattika tagħha ma' The Dance Workshop, taħt id-direzzjoni ta' Theresa Lungaro Mifsud. Lestiet l-istudji tagħha fl-Tring Park School for the Performing Arts, fil-ballet, żfin kontemporanju u jazz, u ggradwat b'Level 6 Trinity Professional Performing Arts Diploma in Professional Dance. Wara l-istudji tagħha, Maya ġiet aċċettata fi programm taż-żvilupp professjonali ma' Jasmin Vardimon Company, JV2, fejn kellha l-opportunità tespandi l-identità artistika tagħha u taħdem ma' diversi koreografi, inkluż Jasmin Vardimon MBE.



### CARLA MIFSUD

Carla twieldet Malta fl-2004. Bdiet tiżfen minn età żgħira f'diversi stili taż-Żfin fosthom ballet, kontemporanju, jazz u hip-hop. Hi kompliet it-taħriġ professjonali tagħha fl-London Studio Centre, fejn iggradwat fl-2025 b'BA (Hons) in Professional Dance Performance fejn ispeċjalizzat fil-ballet. Matul l-istudji tagħha, Carla żifnet ma' Images Ballet Company fit-tour tagħhom fir-Renju Unit, kif ukoll f'teatri bħan-New Wimbledon Theatre u Saddler's Wells. Hija ħadmet ma' artisti bħal Neil Westmorland, Daniel Davidson, Leanne Benjamin, Christopher Marney u Kate Lyons. Fl-2022, Carla rċeviet il-Malta Arts Scholarship.

# ARTISTA ASSOĊJAT

## ZOE CAMILLERI

Zoe Camilleri hi artista multidixxiplinarja bbażata Malta. Bdiet iż-żfin fil-College of Dance f'Malta u nghatat Scholarship mill-Malta Arts sabiex tistudja fir-Rambert School of Ballet and Contemporary Dance f'Londra, Hawnhekk iggradwat b'BA (Hons) fl-2014. Zoe kienet membru fundatur tal-grupp ŻfinMalta. Minn mindu bdiet taħdem bħala artista freelancer fl-2018, hija ħadet diversi rwoli fosthom bħala żeffiena, koreografa, direttriċi tal-provi u moviment, għalliema u kordinatriċi tal-kostumi. Hi ħadmet f'diversi kollaborazzjonijiet, inkluż ma' Teatru Malta, The New Victorians, Contact Dance Company u Others Dance Theatre. Ix-xogħol tagħha ma' ŻfinMalta baqa' jkompli bħala għalliema u bħala mistiedna li tat prestazzjoni fil-produzzjoni Weaving Chaos ta' Tânia Carvalho. Zoe serviet ukoll bħala kordinatur tal-kostumi f'diversi produzzjonijiet.



# IT-TIM TAGĦNA



## MATTHEW WILLIAM ROBINSON
**ID-DIRETTUR ARTISTIKU**

Matthew William Robinson ingħaqad ma' ŻfinMalta fl-2024. Il-viżjoni tiegħu għall-kumpanija hi bbażata fuq il-karriera distintiva tiegħu bħala żeffien, koreografu, direttur tal-provi, kuratur u direttur artistiku. Permezz tad-diversi kollaborazzjonijiet tiegħu, Robinson huwa nvolut ruħu f'diversi oqsma, kemm kurrenti u kemm emerġenti, f'oqsma bħal ħoss, moda, teatru u teknoloġija.

Għal bosta snin Robinson kien parti integrali mis-Scottish Dance Theatre fejn jidħol żfin, direzzjoni tal- provi u fejn anke ta prestazzjonijiet f'xogħlijiet ta' koreografi internazzjonali. Fl-2016 sar Direttur Artistiku ta' VERVE u fl-2021 ħa r-riedni f'idejh bħala Direttur Artistiku tan-National Dance Company ġewwa Wales.

Matthew huwa ggradwat mill-London Contemporary Dance School.



## BRENDA LEE GRECH
**ASSISTENA DIRETTRIĊI (GĦALL-IŻVILUPP TAL-ARTISTI)**

L-artista Maltija Brenda Lee Grech għandha portfolio varjat kemm, fit-teatru kif ukoll fil-films fejn jidħol is-settur taż-żfin. Lokalment, hija tgħallmet taħt id-direzzjoni ta' Johane Casabene qabel ma nediet il-karriera professjonali tagħha b'mod internazzjonali, li damet aktar minn 20 sena. Hija ħadmet f'diversi xogħlijiet ma' Ballet d'Europe, Scottish Ballet, Rambert, Punchdrunk u Dancers Career Development. Bħala artista hija kkollaborat ma' u ppreżentat xogħlijiet minn Kylian, Forsyth, Bourne, McGregor, Schecter, Eyal, Cherkaoui u oħrajn, fejn għamlet tours madwar id-dinja. Brenda Lee hija magħrufa wkoll għall-irwol tagħha bħala s-Swan fis-sensiela ta' Netflix Peaky Blinders. Lokalment hija dehret bħala l-Imħallef Kap fil-programm tat-talent tat-TV Brillanti - is-sensiela taż-żfin. L-ewwel ingħaqdet ma' ŻfinMalta bħala Direttriċi tal-Provi taħt id-direzzjoni artistika ta' Paolo Mangiola, u aktar tard inħatret bħala Assistenta Direttriċi waqt it-tranżizzjoni tal-kumpanija li issa saret NAPA.



## NICOLE BEARMAN
**PRODUTTRIĊI EŻEKUTTIVA**

Nicole hija l-produttriċi kreattiva u għandha aktar minn 25 sena esperjenza fit-tfassil ta' programmi, attivitajiet u pubblikazzjonijiet fi ħdan spazji tal-arti kontemporanja, mużewijiet, universitajiet u festivals. Hija ħadmet ma' entitajiet bħal ŻfinMalta, Blitz, Malta Design Week, il-Museum of Applied Arts and Sciences f'Sydney, il-Biennale ta' Sydney, is-Sydney Design Festival u l-Australian Design Centre. Ix-xogħol ta' Nicole jestendi ruħu lil hinn, fejn serviet ukoll bħala editriċi kif ukoll tat kontribuzzjoni f'numru ta' rivisti internazzjonali dwar l-arti, l-arkitettura u d-disinn. Nicole għandha żewġ lawrji mill-Università ta' Sydney, waħda fl-Arti Viżiva u l-oħra fl-Istudji tal-Mużewijiet. Ingħaqdet ma' ŻfinMalta fl-2019 bħala Produttriċi tal-Threaded Fine ta' Rosemary Lee, u fl-2020 ġiet maħtura bħala Produttriċi tal-kumpanija.



## MARTINA ZAMMIT
**EXECUTIVE (EDUCATION AND ADMINISTRATION)**

Martina twieldet Malta fl-1987 u bdiet id-dinja taż-żfin tagħha mal-Olivia Dow School of Russian Ballet, fejn studjat u għallmet il-Legat System. Kompliet timraħ fl-imħabba tagħha għall-ispettaklu u ż-żfin fil-waqt li kisbet tliet gradi mill-Università ta' Malta: il-Baċċelerat fl-Ingliż u fl-Arkeoloġija u Masters fl-Ingliż fejn speċjalizzat f'Modern and Contemporary Literature and Criticism. Fl-istess ħin kienet ukoll qed toħloq serje ta' live shows, fejn sabet komunità ta' żeffiena u fehmet aħjar xi tfisser il-ħajja ta' dawk li jagħtu prestazzjoni.

Dan wassalha biex tibda Baċċelerat fid-Dance Studies, fejn ġiet introdotta għaż-żfin kontemporanju. Martina ngħaqdet ma' ŻfinMalta bħala żeffiena tal-kumpanija fl-2014, fejn bidlet l-irwol tagħha bħala Artista tal-Edukazzjoni u l-Community Outreach fl-2018, u fl-2021 ħadet f'idejha l-irwol ta' Amministrartiċi. Permezz ta' dan ir-rwol, Martina tkompli tesplora u taqsam il-kunċetti tat-tkabbir u l-konnessjoni permezz taż-żfin u tagħti lura lix-xena li tant tispiraha. Hekk kif saret omm fl-2024, Martina tirrikonoxxi b'umiltà li l-ħajja hija qisha rollercoaster li qatt mhi se tieqaf titgħallem minnha.



**SUZANNA PACE NIKOLIC**
**MANAGER TAL-MARKETING U L-KOMUNIKAZZJONI**

Imwielda f'Malta, Suzanna ggradwat mill-Università ta' Malta b'Baċellerat fil-Kummerċ fl-2019. Kompliet l-istudji tagħha fl-Università ta' Lund fl-Iżvezja fejn kisbet Master's Degree fil-marketing internazzjonali u Strategic Brand Management. Hija tħobb tgawdi n-natura, l-avventura, l-ivvjaġġar u tħobb tkun attiva fl-isports. Suzanna ngħaqdet ma' ŻfinMalta fl-2023 u hija ddedikata biex tiżgura li ŻfinMalta tħalli impatt u li tkun kontinwament innovattiva.



**EMMA WALKER**
**UFFIĊJAL TAL-KONTENUT U T-TAGĦLIM KREATTIV**

Emma Louise Walker iggradwat bi grad bl-Unuri tal-Ewwel Klassi fiż-Żfin u l-Prestazzjoni mis-Central School of Ballet, Londra. Matul dan iż-żmien, hija pparteċipat f' Blink Margate, fejn ħadmet ma' Wayne McGregor | Random Dance, u ntgħażlet għas-sena pilota tal-programm AKX ta' Akram Khan. Fl-2015/16, Emma temmet apprendistat ma' ŻfinMalta qabel ma ngħaqdet ma' DeNada Dance Theatre, fejn għamlet tour fir-Renju Unit b' Toro ta' Carlos Pons Guerra. Fl-2018, hija rritornat ma' ŻfinMalta bħala żeffiena tal-kumpanija, fejn ħadmet ma' koreografi fosthom Paolo Mangiola, Jacopo Godani, u Tânia Carvalho. Issa Emma sservi bħala l-Uffiċjal tat-Tagħlim Kreattiv u l-Kontenut taż-ŻfinMalta, u taħdem kemm fil-marketing kif ukoll fil-programm ta' tagħlim u parteċipazzjoni tal-kumpanija.



**KEITH MICALLEF**
**ASSISTENT TAL-PRODUZZJONI U L-AMMINISTRAZZJONI**

Keith Micallef ingħaqad ma' ŻfinMalta fl-2014 bħala żeffien, u matul dan iż-żmien żifen mix-xogħlijiet koreografiċi ta' Paolo Mangiola, Jacopo Godani, Jose Agudo, Roy Assaf, Iván Pérez Avilés u Emanuel Gat, fost oħrajn. Fl-2025, wara li wettaq prestazzjoni fil-produzzjoni tal-10 anniversarju taż-ŻfinMalta DECADE, minn Thick and Tight, Keith beda t-tranżizzjoni tiegħu għall-irwol ta' produzzjoni, tekniku u amministrattiv, fejn ta sapport lill-kumpanija minn wara l-kwinti. Qabel ma ngħaqad mal-kumpanija, Keith iggradwa mill-Università ta' Malta bi Grad fl-Istudji Legali.



**MOHAMED ALI 'DALI' AGUERBI**
**MANAGER TEKNIKU U DISINJATUR TAD-DAWL**

Dali huwa attivist u artist LGBTQI+ imwieled fit-Tuneżija u bbażat f'Malta. Xogħlu jgħaqqad il-prestazzjoni, il-politika, u l-ġustizzja soċjali. Bħala disinjatur tad-dawl u direttur tekniku, Dali ħadem fuq varjetà ta' produzzjonijiet, minn xogħlijiet teatrali intimi għal prestazzjonijiet tal-opra fuq skala kbira. L-għarfien espert tiegħu fid-dawl tal-palk u l-operazzjoni teknika, Dali jiżgura li kull produzzjoni timxi bla xkiel, sabiex twassal esperjenza viżwalment b'saħħitha.



**LUCA PAROLIN**
**ASSISTENT TEKNIKU**

Luca Parolin huwa żeffien kontemporanju, esploratur tal-moviment, u għalliem taż-żfin kontemporanju. Imħarreġ fil-hip hop, iż-żfin kontemporanju, u t-teatru fiżiku, Luca jaddotta metodi dinamiċi, ferrieħa, u li jġibuh profondament konxju tal-moviment. Huwa kkollabora ma' kumpaniji bħal Twain Physical Dance Theatre, Naturalis Labor, u E.sperimenti Dance Company. Huwa kofundatur ta' DanceHive, pjattaforma li tgħin liż-żeffiena madwar id-dinja jsibu soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni. Fl-istess ħin, jaħdem bħala assistent tad-dawl tat-teatru, fejn jgħaqqad is-sensittività artistika u l-kompetenza teknika fil-viżjoni multidixxiplinarja tiegħu tal-palk.



**NICK EBEJER**
**ASSISTENT TEKNIKU**

Nick Ebejer ilu assistent tekniku għal ZfinMalta mill-bidu tal-2024, u għamel ukoll tour mal-kumpanija f'Padova, l-Italja, għall-produzzjoni tagħhom ta' Utopia. Nick jimraħ f'ambjent dinamiku u fil-ħidma tiegħu ma' kreattivi oħra fl-arti performattiva. Nick jispira ruħu mit-tagħlim kontinwu ta' metodi ġodda li jtejbu l-koreografija u l-moviment taż-żeffiena permezz ta' mezzi tekniċi. Huwa propju dan kollu li jispirah l-aktar meta jaħdem ma' ŻfinMalta.

# APPOĠĠANA



photo by **Alexandra Pace**



## IS-SAPPORTERS TAGĦNA

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

VisitMalta

OSTEOPATHY MALTA

EDEN CINEMAS

VIBE

Istituto italiano di cultura La Valletta

Kingdom of the Netherlands

EMBAJADA DE ESPAÑA EN MALTA

AMBASSADE DE FRANCE À MALTE
Liberté
Égalité
Fraternité

Embassy of the Federal Republic of Germany Valletta

TOI TOI Teatru Manoel

NOTTE BIANCA

### ĊIRKU TAD-DIRETTUR ARTISTIKU

Valeria & Jordi Goetstouwers
Dr Joanna Delia
Samantha Rowe-Beddoe & Gregory Nasmyth

### PARTNERS TAL-AKKOMODAZZJONI

Elisa & Simon Grech
Simon Riccardi-Zani

Is-sapport tiegħek għal ŻfinMalta National Dance Company se jikkontribwixxi direttament għall-futur taż-żfin word-class f'Malta, u se jkun ta' appoġġ lejn programmi li jiżviluppaw xogħlijiet ġodda taż-żfin Malti, jgħinu artisti emerġenti biex jimirħu, u jispiraw lill-udjenzi.

Għal aktar informazzjoni dwar kif tista' tkun sapporter tagħna, tista' tikkuntattja lil:

**NICOLE BEARMAN**
**Produttriċi Eżekuttiva**
**+356 99999520**
**nicole.bearman@zfinmalta.mt**

**Disinn:** Bloom Creative
**Edituri:** Nicole Bearman & Matthew William Robinson
**Ritratti:** Alexandra Pace

# NAPA

Dan il-programm qed jiġi ppreżentat bħala parti mill-istaġun 2025/26 ta' NAPA, taħt il-patroċinju distint tal-President ta' Malta, E.T. Myriam Spiteri Debono.

## DWAR NAPA

L-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattivi (NAPA) ġiet imwaqqfa fl-2023 bl-iskop speċifiku li televa l-profil tal-arti performattiva f'Malta, kemm lokalment kif ukoll b'mod internazzjonali. Bħala l-aġenzija ewlenija għall-arti performattiva, l-għan tagħha huwa li jkollha rwol attiv fit-tfassil tal-politika u l-promozzjoni tal-arti performattiva bħala dixxiplina fl-aspetti kollha tagħha – minn wara l-kwinti sal-palk, mill-amministrazzjoni sal-prestazzjoni u mill-iżvilupp sal-legat. Dan issir billi l-kumpanija toħloq strateġija ta' sostenibbiltà. Din tal-aħħar hija prijorità li l-kumpanija taddotta kemm għaliha nnifisha, għas-settur li topera fih, għas-sinerġiji li għandha ma' Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi oħra (PCOs) u kif ukoll għas-settur privat. Fil-kontribut tagħha lejn opportunitajiet ġusti u sostenibbli għall-involviment fl-arti, in-NAPA tamministra u ssostni t-tliet kumpaniji nazzjonali - dawk tat-teatru, iż-żfin u l-kor – Teatru Malta, ŻfinMalta u KorMalta. Kif ġiet organizzata u ddiżinjata l-istruttura tal-kumpanija, isservi biex issaħħaħ il-viżjonijiet, l-iżvilupp, il-brands, u l-identitajiet artistiċi u rispettivi ta' Teatru Malta, ŻfinMalta u KorMalta. B'hekk tiżgura li kull waħda minnhom tkun distinta b'mod uniku permezz ta' programm artistiku annwali għal kull waħda. Ma jonqosx li fl-istess ħin, dawn ikunu f'sinerġija ma' xulxin permezz ta' koproduzzjonijiet u kollaborazzjonijiet, kemm għall-udjenza lokali, kif ukoll għal dik internazzjonali.

L-Aġenzija hija mmexxija minn Bord wieħed ta' Diretturi u miċ-Chairperson, u qed tiġi amministrata minn Mro. Dominic Galea bħala Kap Eżekuttiv, minn Direttriċi tal-Amministrazzjoni – Christabel Borg Preca, u minn tliet Diretturi Artistici.

## BORD TAD-DIRETTURI

**Chairperson:** Alison Micallef White
**Viċi-Chair:** Andrea Cassar

## MEMBRI

Kate De Cesare
Joanne Butterworth
Felix Busutill
Adrian Mamo

## TIM EŻEKUTTIV

**Kap Eżekuttiv (CEO):** Dominic Galea
**Direttriċi tal-Amministrazzjoni:** Christabel Borg Preca
**DIRETTURI ARTISTIĊI (Teatru Malta):** Sean Buhagiar
**DIRETTURI ARTISTIĊI (ŻfinMalta):** Matthew William Robinson
**DIRETTURI ARTISTIĊI (KorMalta):** Riccardo Bianchi

## IT-TIM TA' NAPA

Dominic Galea – **Kap Eżekuttiv**
Christabel Borg Preca – Direttriċi tal-Amministrazzjoni

Elaine Bugeja – **Produttriċi Eżekuttiva**
David Debono – **Kap tal-Marketing u l-Udjenzi**
Maria Aquilina – **Manager tal-Marketing u l-Komunikazzjoni**
Joy Decelis – **Assistent tal-Marketing u l-Produzzjoni**

Sylvia Attard – **Uffiċjal Anzjana tal-Amministrazzjoni**
Isabelle Sammut – **Uffiċjal tal-Amministrazzjoni / Segretarja Personali**
Claude Busuttil – **Amministrattriċi li tagħti sapport**
Vesna Matic Karic – **Uffiċjal tal-Amministrazzjoni**

NAPA National Agency for the Performing Arts

2025 2026

# ROYAL BALLET & OPERA



## THE ROYAL OPERA

**TOSCA**
LIVE OCT 1. 2025
ENCORE OCT 5. 2025

**SIEGFRIED**
LIVE MAR 31. 2026
ENCORE APR 5. 2026

**LA TRAVIATA**
LIVE JAN 14. 2026
ENCORE JAN 18. 2026

**THE MAGIC FLUTE**
LIVE APR 21. 2026
ENCORE APR 26. 2026

## THE ROYAL BALLET

**LA FILLE MAL GARDÉE**
LIVE NOV 5. 2025
ENCORE NOV 9. 2025

**WOOLF WORKS**
LIVE FEB 9. 2026
ENCORE FEB 15. 2026

**CINDERELLA (2024)**
LIVE NOV 25. 2025
ENCORE NOV 30. 2025

**GISELLE**
LIVE MAR 3. 2026
ENCORE MAR 8. 2026

**THE NUTCRACKER**
LIVE DEC 10. 2025
ENCORE DEC 14. 2025

WWW.EDENCINEMAS.COM.MT

ROYAL BALLET & OPERA
FESTIVALS Malta
EDEN CINEMAS
Eden CineArts
ENCORE
ŻFINMALTA

